MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2007

Numru. 175/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**Vs**

**Angele Pullicino ta' 29 sena, bint Grezzju u Josephine nee' Zahra, imwielda Pieta nhar il-25 ta' Frar 1978 u residenti 268, Triq Santa Domenika Zabbar, u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 138378(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Angele Pullicino li permezz taghha hija giet akkuzata talli:

Nhar il-Erbgha 6 ta' Dicembru 2006 ghal habta tas-1:30 ta' wara nofs in-nhar gewwa Tas-Sliema, serqet Laptop tal-marka Dell u Blood tester min gewwa r-residenza Rocklands Flats, Flat 2, Triq it-Torri, Sliema ghad-dannu

ta’ Antonio Tabone, liema oggetti jiswew izjed minn Lm100 (mitt lira Maltin) izda inqas minn Lm1000 (elf lira maltin) u dana ai termini ta’l-artikoli 267, 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha u dana anke wara illi l-Qorti tatha zmien sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputata f’dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghha. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata jidher illi ikkollaborat bi shih mal-pulzija fl-investigazzjonijiet taghhom u ghandha fedina penali kwazi netta. Jidher ghalhekk illi dina hija l-ewwel darba illi hija xirfet difrejha mal-gustizzja. Inoltre mill-istqarrijiet esebiti bhala Dokumenti JM4, JM5 u JM6, jidher illi l-imputata irritornat l-oggetti misruqa u illum iddispjaciha ghall-akkadut.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’l-imputata u wara li rat l-artikoli 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata Angele Pullicino hatja ta’l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dana il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------